*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,574, 30 ta' April, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 202 ta' l-2004.**

## ATT DWAR IL-KONTROL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (Kap. 315.)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kommunita‘ għamel ir-regolamenti li ġejjin: -

**1.** (1) It-titolu ta‘ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tqegħid ta' Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti, ħlief għar-regolament 12, jidħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004. Ir-regolament 12 għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

**2.** F'dawn ir-regolamenti- Tifsir.

"ingredjenti" tfisser kull sostanza jew kostitwent minbarra l-werqa tat-tabakk u partijiet tal-pjanta tat-tabakk fl-istat naturali tagħha jew mhux proċessat, użati fil - manifattura jew preparazzjoni ta' prodott tat-tabakk u li jkunu għandhom preżenti fil-prodott lest, ukoll jekk f'forma mibdula, inkluża l-karta, filtri, linka u adeżivi;

"ISO 4398" tfisser l-aħħar edizzjoni tal-Livelli Internazzjonali msemmija kif jiġu stabbiliti fis-Sigaretti l-materja partikulata totali u niexfa billi tintuża rutina analitika permezz ta' *cigarette- smoking machine fibre filter smoking trap,* skond il-metodu ISO 4387: 1987(E) l-ewwel edizzjon ippubblikata mill-Organizzazjoni Internazzjonali għall-standardizzazzjoni fil-15 ta' April, 1987;

"il-faċċata li tidher l-aktar", fil-każ ta' pakkett tas-sigaretti rettangolari, tfisser l-akbar faċċata tal-pakkett li tkun jew li tkun ugwali fid-daqs, għall-akbar faċċata u li:

(a) jew tkun tidher faċċata tal-persuna li tiftaħ dak il-pakkett,

(b) jew fejn m'hemmx dik il-faċċata li tkun tidher quddiem il-persuna li tkun qed tiftaħ il-pakkett, tkun il-faċċata li fuqha jidher bl-aktar mod prominenti l-isem, *trade-mark* jew xi marka oħra distintiva li turi l-isem tas-sigaretti,

u dwar pakketti oħra tas-sigaretti, din il-frażi tfisser l-aktar faċċata prominenti;

"nikotina" tfisser alkalojdi tan-nikotina;

"pakkett", li għandu x' jaqsam ma' prodotti tat-tabakk, tfisser kull kaxxa, pakkett, kontenitur, jew reċipjent ieħor li fih il-prodott, u li l- prodott ta' go fih ikun, jew ikun intiż li jkun, ippreżentat għall-bejgħ bl-imnut, bl-eskluzzjoni ta' kull ippakkettjar estern ieħor addizzjonali (trasparenti jew le) li jista' jintrema appena jinfetaħ il- pakkett, u fejn dak ir-reċipjent, ikun jew ikun se jiġi kontenut f'xi reċipjent ieħor bħal dak (minbarra dak l-ippakkettjar estern), tinkludi kull tali reċipjent;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"qatran" tfisser il-kondensat tad-duħħan anidrus fl- istat naturali tiegħu , u li ma' fihx nikotina;

Produzzjoni ta' qatran, nikotina u monossidju tal-karbonju.

**3.** Il-produzzjoni tal-qatran, nikotina u monossidju tal-karbonju tas-sigaretti għandu jkun stampat kif ġej fuq naħa waħda tal-pakkett u għandu jgħatti mill-anqas 12% tal-faċċata korrispondenti:

(a) għal dik li hi l-produzzjoni tal-qatran, il-figura għandha tkun fl-eqreb ċifra sħiħa u espressa f'milligrammi fil-forma "x mg tar ċ qatran",

(b) għal dik li hi l-produzzjoni tan-nikotina, il-figura għandha tkun eqreb figura deċimali wara l-punt u espressa f' milligrammi fil-forma "yz mg nicotine ċnikotina",

(ċ) għal dak li hu l- monossidju tal-karbonju, l-eqreb ċifra sħiħa u espressa f'milligrammi fil-forma "x mg monossidju tal-karbonju" .

**4.** (1) Fuq kull unita ta' prodott tat-tabakk għandu jkunu hemm stampat bl-Ingliz u bil-Malti waħda mit-twissijiet generali li ġejjin, "Smoking seriously harms you and others around you", "It-Tipjip jagħmel hsara lilek u lil ta' madwarek", u "Smoking Kills"- "It-Tipjip Joqtol".

Twissijiet fuq il-pakketti.

(2) Dawn iż-żewg t-twissijiet generali għandhom ikunu stampati fuq il-faċċata tal-pakkett li l-aktar tidher u fuq kull ippakkettjar estern, u għandhom ikunu mibdulin b'sistema li tiggarantixxi li jkunu jidhru regolarment fuq il-pakkett.

(3) Twissija oħra, li tittieħed mill-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, għandha tkun stampata fuq il-wiċċ l-ieħor li jidher l-aktar tal-pakkett u fuq kull pakkettjar estern, u għandhom ikunu mibdulin b'sistema li tiggarantixxi li jidhru regolarment fuq il-pakkett.

(4) M'hemmx għalfejn li dawn it-wissijiet jidhru fuq il-foljetti addizjonali trasparenti użati fil-bejgħ tal-prodott bl-imnut.

(5) Ghandu jkun hemm ukoll riferenza li tigi stampata, 'il barra mill-kaxxa għat- twissijiet, kif ġej:

**DANGER - Health Department - Warning**

**Twissija mid-Dipartiment tas-Saħħa - PERIKLU**

**5.** (1) It-twissija ġenerali msemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandha tgħatti mhux anqas minn 32 % tal-faċċata ta' barra tal-wiċċ korrispondenti tal-pakkett tat-tabakk singolu li tkun stampata fuqu .

L-ispazju li jintuża fuq il-pakketti tas-sigaretti.

(2) It-twissija addizzjonali msemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandha tgħatti mhux anqas minn 45% tal-faċċata ta' barra tal-wiċċ korrispondenti tal-pakkett tat-tabakk singolu li tkun stampata fuqu.

Iżda fil-każ ta' pakketti singoli ta' prodotti oħra li m'humiex sigaretti, meta l-faċċata li l-aktar tidher tkun aktar minn 75cm kwadri, it-twissijiet għandhom mill-anqas jgħattu 24 cm kwadri mill-wiċċ.

**6.** (1) It-twissijiet u l-indikazzjonijiet ta' produzzjoni għandhom ikunu:-

Twissijiet u indikazzjonijiet ta' produzzjoni ta' qatran eċċ.

(a) stampati b'tipa Helvetika, sewda u grassa, font 20, fuq sfond abjad;

(b) f'tipa żgħira, minbarra l-ewwel ittra tal-messaġġ u fejn hu meħtieg skond l-użu grammatikali.

(ċ) fin-nofs tal-wiċċ fejn jenħtieġ li jigi stampat it-test, paralleli max-xifer ta' fuq tal-pakkett; u

(d) imdawwar minn bordura sewda ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 3millimetri u mhux aktar minn 4 millimetri wisa', sakemm din il-bordura bl-ebda mod ma tinterferixxi mat-test tat-twissija jew l-informazzjoni mogħtija.

(2) It-test għandu jkun stampat b'mod li la jista' jitneħħa u lanqas jithassar, u bl- ebda mod ma' jista'jinħeba jew jiġi skurat jew interrott b'xi kitba jew b'xi stampa, meta jinfetah il-pakkett.

Iżda fil-każ ta'prodotti oħra tat-tabakk li ma humiex sigaretti, kull test jista' jitwaħħal mal-pakketti bi stickers li ma' jkunux jistgħu jinqalgħu .

Numru tal-konsenja identifikabbli.

**7.** Kull unita' ta' prodott tat-tabakk jrid ikollha numru identifikabbli tal-konsenja.

Tikkettjar kwalifikattiv ta' prodotti tat-tabakk .

**8.** (1) Ebda test, isem, trade-mark jew marka figurattiva jew sinjali oħra ma' jistgħu jintużaw fuq l-ipakkettjar ta' prodotti tat-tabakk sabiex jiġi suggerit li dak il-prodott partikolari jagħmel anqas ħsara minn oħrajn.

(2) Ikun reat li prodott tat-tabakk ikollu tikketta li tiddeskrivi l-prodott bħala "ħafif" jew "mhux qawwi".

Lista ta' ingredjenti.

**9.** Il-manifatturi u l-importaturi għandhom fl-aħħar ta' kull sena jgħaddu lis-Suprintendent lista ta' l-ingredjenti kollha f'ordni mill-akbar sa l-iċken fil-piż, użati fil-manifattura ta' dawk il-prodotti tat-tabakk bl-isem tal-marka u t-tip . Din il-lista:

(a) għandu jkollha magħha dikjarazzjoni li tagħti r-raġunijiet għall-inklużjoni ta' dawk l-ingridjenti f'dawk il-prodotti tat-tabakk;

(b) għandha tindika l-funzjoni u il-kategorija tagħhom;

(ċ) għandu jkollha magħha tagħrif tossologiku li l-manifattur jew l-importatur ikollu għad-dispozizzjoni tiegħu rigward dawk l-ingredjenti taħt forma maħruqa jew mhux maħruqa kif imiss, b'referenza partikolari għall-effetti tagħhom

fuq is-saħħa tal-bniedem u li jqis ukoll dawk l-effetti li jwaqqgħu fil-vizzju.

**10.** Ikun id-dmir tas-Suprintendent li jinforma lill-pubbliku dwar il-produzzjoni ta' qatran, nikotina, u monossidju tal-karbonju tas-sigaretti.

Is-Suprintendent għandu jgħarraf lil-pubbliku .

**11.** Huwa reat li tabakk għall użu orali jitqiegħed fis-suq.

It-tabakk għat-tehid mill-halq hu projbit

**12.** Ir- Regolamenti ta'l-2003 dwar tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk, huma b'dawn imħassrin.

Ihassar A.L. 243 tal-2003

## SKEDA

**Regolament 4(3)**

### Lista ta' Twissijiet tas-Saħħa Oħra

1. Smokers die younger
   Min ipejjep imut żgħir

2. Smoking clogs the arteries and causes heart attacks and strokes
   It-tipjip isodd l-arterji u jġib l-attakki tal-qalb u l-puplesiji

3. Smoking causes fatal lung cancer
   It-tipjip jagħmel kanċer fil-pulmun

4. Smoking when pregnant harms your baby
   Jekk tpejjep waqt it-tqala tagħmel ħsara lit-tarbija tiegħek

5. Protect children: don't make them breathe your smoke
   Ipprotegi lit-tfal : igġelhomx jibilgħu id-duħħan tas-sigaretti tiegħek

6. Your doctor or your pharmacist can help you stop smoking
   It-tabib jew l-ispizjar jgħinuk biex tieqaf tpejjep

7. Smoking in highly addictive, don't start.
   It-tipjip huwa vizzju, tibdiex tpejjep

8. Stopping smoking reduces the risk of fatal heart and lung diseases
   Jekk tieqaf tpejjep tnaqqas ir-riskju ta' attakki tal-qalb u mard tal-pulmun

9. Smoking can cause a slow and painful death
   It-tipjip jista' jwassal għal agunija fit-tul u ħafna ugigħ

10. Get help to stop smoking - 21231247
    Itlob l-għajnuna biex tieqaf tpejjep - 21231247

11. Smoking may reduce the blood flow and causes impotence
    It-tipjip inaqqas ic-ċirkulazzjoni tad-demm u jista' jwassal għal l-impotenza

12. Smoking causes ageing of the skin
    It-tipjip ikemmixlek il-ġilda

13. Smoking can damage the sperm and decreases fertility
    It-tipjip jista' jagħmel ħsara lill-isperma u jnaqqas il-fertilita'

14. Smoke contains benzene, nitrosamines, formaldehyde and hydrogen cyanide
    Id-duħħan fih il-benzene, in-nitrosamines il-formaldehyde u l-hydrogen cyanide.